P9_TA(2024)0219

L-ippreżzar ta' trasferimenti

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-ippreżzar ta' trasferiment (COM(2023)0529 – C9-0339/2023 – 2023/0322(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

(C/2025/1327)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2023)0529),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skontu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C9-0339/2023),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0066/2024),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jappella lill-Kummissjoni biex temenda l-proposta skont dan, f'konformità mal-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitti (BEPS) tirreferi għal strateġiji ta' ppjanar tat-taxxa użati minn intrapriżi multinazzjonali li jisfruttaw in-nuqqasijiet u d-diskrepanzi fir-regoli tat-taxxa sabiex jevitaw milli jħallsu t-taxxa. L-ippreżzar ta' trasferiment, filwaqt li attwalment huwa meħtieġ biex jiġi ddeterminat fejn jiġu rrapportati l-profitti, intuża wkoll ħażin biex jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet ta' taxxa tad-ditti f'pajjiżi b'rati oġħla tat-taxxa, li jwassal għal trasferiment tal-profitti. Jenħtieġ li l-prinċipju ta' distakkament jiġi applikat fl-Istati Membri, u mill-kontribwenti, b'mod li jiggarantixxi aktar ċertezza tat-taxxa għall-kontribwenti u jimminimizza l-opportunitajiet ta' trasferiment tal-profitti.

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Is-soluzzjoni fit-tul biex jiġi indirizzat l-evitar tat-taxxa u biex jiġi ggarantit livell minimu ta' tassazzjoni effettiva għall-gruppi MNE jenħtieġ li tkun sistema bi tqassim skont formula speċifika għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha.

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Meta l-Istati Membri japplikaw jew jinterpretaw il-prinċipju ta' distakkament b'mod differenti, dawn joħolqu sitwazzjonijiet li jistgħu jagħmlu ħsara lis-suq intern. L-inkonsistenza fir-regoli applikabbli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment mhux biss tista' twassal għal tassazzjoni doppja iżda tippermetti wkoll trasferiment tal-profitti u evitar tat-taxxa. Tali ***inkonsistenza hija ostaklu serju għat-taxxa*** fil-każ tan-negozji li joperaw bejn il-fruntieri***,*** x'aktarx li ***tikkawża*** distorsjonijiet u ineffiċjenzi ekonomiċi u ***għandha*** impatt negattiv fuq l-investiment ***u t-tkabbir*** transfruntier.	(3) Meta l-Istati Membri japplikaw jew jinterpretaw il-prinċipju ta' distakkament b'mod ***li jkun*** differenti ***b'mod sinifikanti***, dawn joħolqu sitwazzjonijiet li jistgħu jagħmlu ħsara lis-suq intern ***u jwasslu għal kosti bla bżonn għan-negozji f'każ ta' tilwim, kif ukoll jinstigaw kompetizzjoni fit-taxxa li tkun ta' dannu, jattiraw strutturi ta' evitar aggressiv tat-taxxa, jiffurmaw għajnuna mill-Istat illegali u jnaqqsu d-dħul mill-Istati Membri***. L-inkonsistenza fir-regoli applikabbli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment mhux biss tista' twassal għal tassazzjoni doppja iżda tippermetti wkoll trasferiment tal-profitti u evitar tat-taxxa ***u n-nontassazzjoni doppja***. Tali ***inkonsistenzi sinifikanti jistgħu jippreżentaw theddida serja għad-dħul mit-taxxa, għall-moral tat-taxxa u għall-kapaċitajiet limitati tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Barra minn hekk tali inkonsistenzi jwasslu għal ostakli*** fil-każ tan-negozji***, speċjalment l-SMEs,*** li joperaw bejn il-fruntieri ***u*** x'aktarx li ***jikkawżaw*** distorsjonijiet u ineffiċjenzi ekonomiċi u jkollhom impatt negattiv fuq l-investiment transfruntier. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li din id-Direttiva ma toħloq l-ebda inkonsistenza mal-aktar linji gwida reċenti tal-OECD, inkluż l-Ammont A u l-Ammont B tal-Pilastru Wieħed li għandhom l-għan li jissimplifikaw ir-regoli eżistenti dwar -ipprezzar ta' trasferiment.***

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Madankollu, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jenħtieġ li jikkunsidraw li l-intrapriżi assoċjati jistgħu jkunu ġenwini fid-determinazzjoni preċiża ta' prezz tas-suq fin-nuqqas ta' forzi tas-suq jew meta tiġi adottata strateġija kummerċjali partikolari.

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Fil-bidu tal-proġett tal-BEPS fl-2013, l-OECD kienet stmat, filwaqt li rrikonoxxiet il-limitazzjonijiet metodoloġiċi u tad-data, li l-iskala tat-telf globali tad-dħul mit-taxxa korporattiva fuq l-introjtu minħabba l-prattiki tal-BEPS, inkluża l-manipulazzjoni tal-ippreżzar ta' trasferiment, tista' tkun bejn USD 100 u 240 biljun fis-sena ([1a])**.** ***([1a]) [1a] https://www.oecd.org/tax/beps-project-explanatory-statement-9789264263437-en.htm***

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni komuni tal-prinċipju ta' distakkament madwar l-Unjoni bil-għan li tiżdied iċ-ċertezza tat-taxxa ***u*** jitnaqqsu l-okkorrenzi tat-tassazzjoni doppja kif ukoll tan-nontassazzjoni doppja.	(4) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni komuni tal-prinċipju ta' distakkament madwar l-Unjoni bil-għan li tiżdied iċ-ċertezza tat-taxxa**,** jitnaqqsu l-okkorrenzi tat-tassazzjoni doppja kif ukoll tan-nontassazzjoni doppja***, jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità mar-regoli tat-taxxa u l-litigazzjoni, speċjalment għall-kontribwenti li joperaw b'mod transfruntier ġewwa l-Unjoni, u li jiġi evitat l-abbuż tat-taxxa***.

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex tiġi żgurata l-mitigazzjoni tat-tassazzjoni doppja, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom stabbiliti mekkaniżmi adegwati biex ikunu jistgħu, meta jsir aġġustament primarju fi Stat Membru ieħor jew f'ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, jagħmlu aġġustament korrelattiv. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jwettqu aġġustamenti korrelattivi u jenħtieġ li ma jillimitawx l-għoti ta' tali aġġustament fil-kuntest ta' proċeduri ta' ftehim reċiproku (MAPs) iżda wkoll bħala riżultat ta': (i) proċedura "rapida" li għandha tiġi konkluża fi żmien 180 jum mingħajr il-ħtieġa li tinfetaħ MAP meta ma jkun hemm l-ebda dubju li l-aġġustament primarju jkun fondat sew; jew (ii) awditi konġunti jew forom oħra ta' kooperazzjoni internazzjonali bħal programmi multilaterali ta' valutazzjoni tar-riskju bħall-Approċċ Ewropew ta' Fiduċja u Kooperazzjoni (ETACA) u l-Programm Internazzjonali ta' Assigurazzjoni tal-Konformità (ICAP).	(6) Sabiex tiġi żgurata l-mitigazzjoni tat-tassazzjoni doppja, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom stabbiliti mekkaniżmi adegwati biex ikunu jistgħu, meta jsir aġġustament primarju fi Stat Membru ieħor jew f'ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, jagħmlu aġġustament korrelattiv. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jwettqu aġġustamenti korrelattivi u jenħtieġ li ma jillimitawx l-għoti ta' tali aġġustament fil-kuntest ta' proċeduri ta' ftehim reċiproku (MAPs) iżda wkoll bħala riżultat ta': (i) proċedura "rapida" li għandha tiġi konkluża fi żmien 180 jum mingħajr il-ħtieġa li tinfetaħ MAP meta ma jkun hemm l-ebda dubju li l-aġġustament primarju jkun fondat sew; jew (ii) awditi konġunti jew forom oħra ta' kooperazzjoni internazzjonali bħal programmi multilaterali ta' valutazzjoni tar-riskju bħall-Approċċ Ewropew ta' Fiduċja u Kooperazzjoni (ETACA) u l-Programm Internazzjonali ta' Assigurazzjoni tal-Konformità (ICAP). ***Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-proċeduri u l-arranġamenti kollha pprovduti mid-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva (DAC), speċjalment it-tielet u s-sitt reviżjoni li jkopru l-iskambju ta' informazzjoni relatata ma' Arranġamenti Preliminari ta' Prezzijiet ta' Trasferiment u l-iskambju ta' informazzjoni dwar arranġamenti transfruntieri rapportabbli li ġew rrapportati minn intermedjarji jew mill-kontribwent rilevanti.***

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Minħabba ż-żieda possibbli fil-litigazzjoni, din id-Direttiva tirrikjedi l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi rapidi li jkunu jiffunzjonaw b'tali mod li jwieġbu għat-talbiet kollha. Is-sistema ta' arbitraġġ jeħtieġ li tkun rapida biex ikunu jistgħu jintlaħqu ftehimiet u b'hekk jiġu evitati l-problemi u l-kunflitti li jistgħu jinqalgħu.

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) Il-presenza ta' mekkaniżmi aċċessibbli għas-soluzzjoni tat-tilwim hija ta' importanza kruċjali għall-kummerċ transfruntier, u tiżgura ċ-ċertezza fiskali u l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja għall-kontribwenti. It-tisħiħ tal-użu ta' proċeduri ta' ftehim reċiproku (MAPs) kif indikat fil-Konvenzjoni dwar l-Arbitraġġ tal-UE tista' tħaffef is-soluzzjoni tal-każijiet fi żmien iqsar. Għal dan il-għan, l-Istati huma mistiedna jassenjaw riżorsi adegwati biex jiġu rispettati l-iskadenzi u l-MAPs ikunu jistgħu jissarrfu f'għodda effikaċi li telimina t-taxxa doppja.

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jista' jkun hemm raġunijiet leġittimi għaliex aġġustament korrelattiv ma jingħatax jew ikun inqas mill-aġġustament primarju. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jagħtux aġġustamenti korrelattivi jekk: (i) l-aġġustament primarju ma jitqiesx li huwa konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament; (ii) l-aġġustament primarju ma jirriżultax fit-tassazzjoni ta' ammont ta' profitti f'ġuriżdizzjoni oħra li fuqhom l-intraprizà assoċjata fl-Istat Membru rilevanti tkun diġà ġiet soġġetta għat-taxxa; u (iii) meta tkun involuta ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, ma jkun hemm l-ebda trattat dwar it-taxxa stabbilit. Fin-nuqqas ta' aġġustament primarju, l-Istati Membri jistgħu jwettqu aġġustament 'l isfel biss jekk: (i) l-aġġustament 'l isfel huwa konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament: (ii) ammont ugwali għall-aġġustament 'l isfel huwa inkluż fil-profitt tal-intraprizà assoċjata fil-ġuriżdizzjoni l-oħra u hemmhekk ikun soġġett għat-taxxa: u (iii) intbagħtet komunikazzjoni dwar l-intenzjoni li jitwettaq aġġustament 'l isfel lill-ġuriżdizzjoni rilevanti. L-għan tad-dispożizzjonijiet preċedenti huwa li jiġi żgurat li: (i) l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreżervaw id-dritt li jivvalutaw jekk l-aġġustament primarju huwiex fuq bażi distakkata; u (ii) la hemm tassazzjoni doppja u lanqas ***nuqqas ta' tassazzjoni doppju***. L-Istati Membri jenħtieġ li ma joħolqux sitwazzjonijiet ta' ***nuqqas ta' tassazzjoni doppju***.	(7) Jista' jkun hemm raġunijiet leġittimi għaliex aġġustament korrelattiv ma jingħatax jew ikun inqas mill-aġġustament primarju. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jagħtux aġġustamenti korrelattivi jekk: (i) l-aġġustament primarju ma jitqiesx li huwa konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament; (ii) l-aġġustament primarju ma jirriżultax fit-tassazzjoni ta' ammont ta' profitti f'ġuriżdizzjoni oħra li fuqhom l-intraprizà assoċjata fl-Istat Membru rilevanti tkun diġà ġiet soġġetta għat-taxxa; u (iii) meta tkun involuta ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, ma jkun hemm l-ebda trattat dwar it-taxxa stabbilit. Fin-nuqqas ta' aġġustament primarju, l-Istati Membri jistgħu jwettqu aġġustament 'l isfel biss jekk: (i) l-aġġustament 'l isfel huwa konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament ***u ma jwassalx għal nontassazzjoni doppja***; (ii) ammont ugwali għall-aġġustament 'l isfel huwa inkluż fil-profitt tal-intraprizà assoċjata fil-ġuriżdizzjoni l-oħra u hemmhekk ikun soġġett għat-taxxa; u (iii) intbagħtet komunikazzjoni dwar l-intenzjoni li jitwettaq aġġustament 'l isfel lill-ġuriżdizzjoni rilevanti. L-għan tad-dispożizzjonijiet preċedenti huwa li jiġi żgurat li: (i) l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreżervaw id-dritt li jivvalutaw jekk l-aġġustament primarju huwiex fuq bażi distakkata; u (ii) la hemm tassazzjoni doppja u lanqas ***nontassazzjoni doppja***. L-Istati Membri jenħtieġ li ma joħolqux sitwazzjonijiet ta' ***nontassazzjoni doppja***.

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex jiġi mminimizzat it-tilwim u jiġi żgurat approċċ komuni madwar l-Unjoni, din id-Direttiva tipprevedi wkoll li l-kontribwent ***ma għandux ikun*** soġġett għal aġġustament meta r-riżultati tiegħu jaqgħu fil-medda interkwartali sakemm l-amministrazzjoni tat-taxxa jew il-kontribwent ma jġibux provi li jkun ġustifikat pożizzjonament differenti speċifiku fil-medda mill-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku. Meta r-riżultati ta' tranżazzjoni kkontrollata jaqgħu barra mill-medda tad-distakkament, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jenħtieġ li jkunu meħtieġa jagħmlu aġġustament għall-medjan tar-riżultati kollha sakemm il-kontribwent jew l-amministrazzjoni tat-taxxa ma tagħtix prova li kwalunkwe punt ieħor tal-medda jiddetermina prezz ta' distakkament aktar affidabbli f'każ partikolari.	(13) Sabiex jiġi mminimizzat it-tilwim***, jitnaqqsu l-kostijiet relatati għan-negozji*** u jiġi żgurat approċċ komuni madwar l-Unjoni, din id-Direttiva tipprevedi wkoll li l-kontribwent ***jenħtieġ li ma jkunx*** soġġett għal aġġustament meta r-riżultati tiegħu jaqgħu fil-medda interkwartali sakemm l-amministrazzjoni tat-taxxa jew il-kontribwent ma jġibux provi li jkun ġustifikat pożizzjonament differenti speċifiku fil-medda mill-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku. Meta r-riżultati ta' tranżazzjoni kkontrollata jaqgħu barra mill-medda tad-distakkament, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jenħtieġ li jkunu meħtieġa jagħmlu aġġustament għall-medjan tar-riżultati kollha sakemm il-kontribwent jew l-amministrazzjoni tat-taxxa ma tagħtix prova li kwalunkwe punt ieħor tal-medda jiddetermina prezz ta' distakkament aktar affidabbli f'każ partikolari.

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex jitnaqqas il-piż tal-konformità għall-kontribwenti li joperaw b'mod transfruntier fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġi introdott ukoll approċċ komuni lejn id-dokumentazzjoni dwar l-ipprezzar ta' trasferiment. L-istabbiliment ta' mudell standard partikolari, ta' regoli dwar il-kontenut u l-arranġamenti lingwistiċi, dwar il-perjodi ta' żmien u liema kontribwenti jenħtieġ li jkunu fl-ambitu jwasslu għas-sempliċità u l-iffrankar potenzjali tal-kostijiet filwaqt li jitqies il-Kapitolu V "Dokumentazzjoni" tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti u l-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-dokumentazzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment għal intrapriżi assoċjati fl-Unjoni Ewropea ([33]).	(14) Sabiex jitnaqqas il-piż tal-konformità għall-kontribwenti li joperaw b'mod transfruntier fl-Unjoni***, kif ukoll biex jiġi indirizzat ir-riskju tal-evitar tat-taxxa***, jenħtieġ li jiġi introdott ukoll approċċ komuni lejn id-dokumentazzjoni dwar l-ipprezzar ta' trasferiment. L-istabbiliment ta' mudell standard partikolari, ta' regoli dwar il-kontenut u l-arranġamenti lingwistiċi, dwar il-perjodi ta' żmien u liema kontribwenti jenħtieġ li jkunu fl-ambitu jwasslu għas-sempliċità u l-iffrankar potenzjali tal-kostijiet filwaqt li jitqies il-Kapitolu V "Dokumentazzjoni" tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti u l-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-dokumentazzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment għal intrapriżi assoċjati fl-Unjoni Ewropea ([33]). ***L-interpretazzjoni armonizzata ta' dawk it-termini fil-livell tal-Unjoni hija meħtieġa wkoll biex tiffaċilita l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa u min-negozji. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu s-setgħa lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa tagħhom biex jittrattaw b'mod effiċjenti l-isforzi komuni ta' dokumentazzjoni dwar l-ipprezzar ta' trasferiment.***

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 2006 dwar kodiċi ta' kondotta dwar id-dokumentazzjoni rigward l-ipprezzar tat-trasferimenti għall-intrapriżi assoċjati fl-Unjoni Ewropea (TPD UE), 2006/C 176/01, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2006.176.01, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2006.176.01.0001.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2006%3A176%3AFULL	(33) Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 2006 dwar kodiċi ta' kondotta dwar id-dokumentazzjoni rigward l-ipprezzar tat-trasferimenti għall-intrapriżi assoċjati fl-Unjoni Ewropea (TPD UE), 2006/C 176/01, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2006.176.01, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2006.176.01.0001.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2006%3A176%3AFULL

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex tinħoloq aktar ċertezza għall-kontribwenti u jiġi mmitigat ir-riskju ***ta' tassazzjoni*** doppja***, il-possibbiltà li*** jiġu stabbiliti aktar regoli komuni vinkolanti dwar l-ipprezzar ta' trasferiment ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni hija prevista f'din id-Direttiva.*** Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** jenħtieġ li jipprovdu lill-kontribwenti perspettiva ċara ta' dak li l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Unjoni jikkunsidraw aċċettabbli biex jintuża għal tranżazzjonijiet speċifikati u jipprovdu l-hekk imsejħa "portijiet sikuri" li jnaqqsu l-piż tal-konformità u l-għadd ta' każijiet ta' tilwim. ***Fid-dawl tal-impatt potenzjali ta' tali miżuri fuq is-setgħa nazzjonali eżekuttiva u ta' infurzar fir-rigward tat-tassazzjoni diretta, l-eżerċitar tad-drittijiet ta' tassazzjoni allokati skont konvenzjonijiet tat-taxxa bilaterali jew multilaterali li jipprevjenu t-tassazzjoni doppja jew in-nuqqas ta' tassazzjoni doppja u fid-dawl tal-impatt potenzjali fuq il-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri, il-Kunsill jenħtieġ li jingħata setgħat ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.***	(16) Sabiex tinħoloq aktar ċertezza għall-kontribwenti u jiġi mmitigat ir-riskju ***tan-nontassazzjoni doppja u tat-tassazzjoni*** doppja ***u b'kont meħud tal-impatt potenzjali tal-miżuri rilevanti fuq is-setgħa nazzjonali eżekuttiva u ta' infurzar fir-rigward tat-tassazzjoni diretta, l-eżerċitar tad-drittijiet ta' tassazzjoni allokati skont konvenzjonijiet bilaterali jew multilaterali dwar it-taxxa li jipprevjenu t-tassazzjoni doppja jew in-nontassazzjoni doppja u fid-dawl tal-impatt potenzjali fuq il-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex*** jiġu stabbiliti aktar regoli komuni vinkolanti dwar l-ipprezzar ta' trasferiment**.** Dawk l-atti ***delegati*** jenħtieġ li jipprovdu lill-kontribwenti perspettiva ċara ta' dak li l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Unjoni jikkunsidraw aċċettabbli biex jintuża għal tranżazzjonijiet speċifikati u jipprovdu l-hekk imsejħa "portijiet sikuri" li jnaqqsu l-piż tal-konformità u l-għadd ta' każijiet ta' tilwim.

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Peress li l-ipprezzar ta' trasferiment huwa suġġett li jevolvi matul iż-żmien, se jkun essenzjali li tiġi mmonitorjata b'mod kontinwu l-ħtieġa ta' aġġustamenti ta' din id-Direttiva bil-għan li tiġi ggarantita l-uniformità tal-metodoloġiji tal-ipprezzar ta' trasferiment fl-Unjoni u fuq livell globali.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) Il-Forum Konġunt tal-UE dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment offra soluzzjonijiet prattiċi għall-isfidi ppreżentati mill-prattiki tal-ipprezzar ta' trasferiment fl-Istati Membri kollha. L-istabbiliment mill-ġdid ta' dak il-forum b'mandat usa' jippermetti lill-esperti nazzjonali mill-Istati Membri, flimkien mar-rappreżentanti tal-komunità tan-negozju, l-akkademiċi u s-soċjetà ċivili, jappoġġaw lill-Kummissjoni, li jista' jirriżulta f'leġiżlazzjoni li kapaċi tilħaq l-objettiv iddikjarat li tiżdied is-sigurtà għan-negozju fl-Unjoni. Perspettiva konġunta tal-kontribwenti u tal-awtoritajiet tat-taxxa tipprovdi perspettiva aktar komprensiva f'dak li għandu x'jaqsam mas-sejbien ta' soluzzjonijiet prattiċi.

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex tiġi evalwata l-effettività tar-regoli l-ġodda stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji evalwazzjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u data oħra disponibbli.	(17) Sabiex ***jiġu evalwati*** l-effettività ***u l-impatt*** tar-regoli l-ġodda stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji evalwazzjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u data oħra disponibbli***, akkumpanjata bi proposta leġiżlattiva, jekk ikun il-każ***.

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-gruppi MNE li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar in-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT).

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex in-negozji jkunu jistgħu jgawdu direttament mill-benefiċċji tas-suq intern mingħajr ma jġarrbu piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn, l-informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tat-taxxa stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li ssir aċċessibbli permezz tal-Gateway Diġitali Unika ("SDG") f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1724 ([34]). L-SDG tipprovdi punt uniku ta' servizz għall-utenti transfruntieri għall-forniment online ta' informazzjoni, proċeduri u servizzi ta' assistenza rilevanti għall-funzjonament tas-suq intern.	(18) Sabiex in-negozji jkunu jistgħu jgawdu direttament mill-benefiċċji tas-suq intern mingħajr ma jġarrbu piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn, l-informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tat-taxxa stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li ssir aċċessibbli permezz tal-Gateway Diġitali Unika ("SDG") f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1724 ([34]). L-SDG tipprovdi punt uniku ta' servizz għall-utenti transfruntieri għall-forniment online ta' informazzjoni, proċeduri u servizzi ta' assistenza rilevanti għall-funzjonament tas-suq intern. ***Dan il-punt uniku ta' servizz jenħtieġ li jkun intuwittiv, faċilment aċċessibbli u mgħammar bl-għodda kollha meħtieġa sabiex ma jkunx hemm ostakli burokratiċi żodda għall-intrapriżi. L-esperjenza tajba tal-punt uniku ta' servizz tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) hija eżempju tajjeb ta' kif tali punt uniku jenħtieġ li jitfassal biex jiffunzjona tajjeb.***
([34]) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).	([34]) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-kontribwenti, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-dokumentazzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment, billi jiġu stabbiliti mudelli komuni u rekwiżiti lingwistiċi, jiġi ddefinit it-tip ta' kontribwent li għandu jirrispetta dawn il-mudelli u l-perjodi ta' żmien li għandhom jiġu koperti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta'	(21) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-kontribwenti ***u r-riskju tal-evitar tat-taxxa***, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-dokumentazzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment, billi jiġu stabbiliti mudelli komuni u rekwiżiti lingwistiċi, jiġi ddefinit it-tip ta' kontribwent li għandu jirrispetta dawn il-mudelli u l-perjodi ta' żmien li għandhom jiġu koperti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija,

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli għall-armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment tal-Istati Membri u biex tiġi żgurata applikazzjoni komuni tal-prinċipju ta' distakkament fl-Unjoni.	Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli għall-armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment tal-Istati Membri u biex tiġi żgurata applikazzjoni komuni tal-prinċipju ta' distakkament fl-Unjoni ***bil-għan li tiġi ssimplifikata l-konformità għall-kumpaniji filwaqt li jiġu infurzati r-regoli tat-taxxa fl-Unjoni***.

Emenda 21

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "prinċipju ta' distakkament" tfisser l-istandard internazzjonali li jippreskrivi li l-intrapriżi assoċjati jeħtiġilhom jinnegozjaw ma' xulxin daqslikieku kienu partijiet terzi indipendenti. Fi kliem ieħor, it-tranżazzjonijiet bejn żewġ intrapriżi assoċjati jenħtieġ li jirriflettu l-eżitu li kien jinkiseb kieku l-partijiet ma kinux relatati, jiġifieri li kieku l-partijiet kienu indipendenti minn xulxin u l-eżitu (prezz jew marġini) kien iddeterminat minn forzi tas-suq (miftuħa).	(1) "prinċipju ta' distakkament" tfisser l-istandard internazzjonali ***skont l-Artikolu 9 tal-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tal-OECD*** li jippreskrivi li l-intrapriżi assoċjati jeħtiġilhom jinnegozjaw ma' xulxin daqslikieku kienu partijiet terzi indipendenti. Fi kliem ieħor, it-tranżazzjonijiet bejn żewġ intrapriżi assoċjati jenħtieġ li jirriflettu l-eżitu li kien jinkiseb kieku l-partijiet ma kinux relatati, jiġifieri li kieku l-partijiet kienu indipendenti minn xulxin u l-eżitu (prezz jew marġini) kien iddeterminat minn forzi tas-suq (miftuħa).

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) "Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti" tfisser l-OECD Transfer Pricing Guidelines for Multinational Enterprises and Tax Administrations 2022, approvati mill-Kunsill tal-OECD skont ir- Recommendation of the Council on the Determination of Transfer Pricing between Associated Enterprises [C(95)126/Final], u kif emendata fl-20 ta' Jannar 2022 u inkluża fl-Anness I, u kwalunkwe emenda oħra għal dawn il-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti li ***l-Unjoni approvat*** fil-kuntest tal-Kumitat tal-OECD dwar l-Affarijiet Fiskali permezz tal-adozzjoni ta' pożizzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu ***218(9)*** tat-TFUE;	(18) "Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti" tfisser l-OECD Transfer Pricing Guidelines for Multinational Enterprises and Tax Administrations 2022, approvati mill-Kunsill tal-OECD skont ir- Recommendation of the Council on the Determination of Transfer Pricing between Associated Enterprises [C(95)126/Final], u kif emendata fl-20 ta' Jannar 2022 u inkluża fl-Anness I, u kwalunkwe emenda oħra għal dawn il-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti li ***l-Istati Membri approvaw*** fil-kuntest tal-Kumitat tal-OECD dwar l-Affarijiet Fiskali ***jew li l-Unjoni approvat*** permezz tal-adozzjoni ta' pożizzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu ***218*** tat-TFUE;

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 sabiex tinkorpora kwalunkwe emenda ulterjuri fil-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti, kif definit fil-punt (18) ta' dan l-Artikolu, li l-Istati Membri approvaw fil-kuntest tal-Kumitat tal-OECD għall-Affarijiet Fiskali jew li l-Unjoni approvat permezz tal-adozzjoni ta' pożizzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 218 tat-TFUE.

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) persuna tipparteċipa fil-ġestjoni ta' persuna oħra billi tkun f'pożizzjoni li teżerċita influwenza sinifikanti fuq il-persuna l-oħra;	(a) *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.*

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) tindika ċ-ċirkostanzi fattwali u legali kollha meħtieġa biex jiġi evalwat l-aġġustament primarju mwettaq fil-ġuriżdizzjoni l-oħra skont il-prinċipju ta' distakkament;	(i) tindika ċ-ċirkostanzi fattwali u legali kollha meħtieġa biex jiġi evalwat l-aġġustament primarju mwettaq fil-ġuriżdizzjoni l-oħra skont il-prinċipju ta' distakkament***, inkluża dokumentazzjoni rilevanti ta' pprezzar ta' trasferiment ikkomunikata lill-Istati Membri***;

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt a – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) tikkomunika, għal kull Stat Membru kkonċernat bl-aġġustament, ir-rata tat-taxxa effettiva kkalkulata fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 [1a]**;**
	(1a) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1).

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw it-talba ammissibbli fi żmien ***30*** jum permezz ta' notifika lill-kontribwent jekk tkun ġiet ippreżentata l-informazzjoni kollha prevista fil-paragrafu 3(a). Fl-istess perjodu ta' żmien, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-kontribwent dwar in-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni meħtieġa u jagħtu mill-inqas ***30*** jum biex din tingħata. Jekk il-kontribwent ma jipprovdix l-informazzjoni mitluba sal-iskadenza assenjata, it-talba ***tista'*** tiġi rifjutata bħala inammissibbli.	(b) L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw it-talba ammissibbli fi żmien ***40*** jum permezz ta' notifika lill-kontribwent jekk tkun ġiet ippreżentata l-informazzjoni kollha prevista fil-paragrafu 3(a). Fl-istess perjodu ta' żmien, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-kontribwent dwar in-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni meħtieġa u jagħtu mill-inqas ***40*** jum biex din tingħata. Jekk il-kontribwent ma jipprovdix l-informazzjoni mitluba sal-iskadenza assenjata, it-talba ***għandha*** tiġi rifjutata bħala inammissibbli.

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta t-tassazzjoni doppja tirriżulta minn aġġustament primarju li jsir fi Stat Membru ieħor, il-proċedura tiġi konkluża fi żmien ***180*** jum minn meta tasal it-talba tal-kontribwent b'att motivat ta' aċċettazzjoni jew rifjut.	(c) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta t-tassazzjoni doppja tirriżulta minn aġġustament primarju li jsir fi Stat Membru ieħor, il-proċedura tiġi konkluża fi żmien ***200*** jum minn meta tasal it-talba tal-kontribwent b'att motivat ta' aċċettazzjoni jew rifjut. ***Il-proċedura tista' tiġi estiża darba b'perjodu ta' 100 jum jekk il-kontribwent u l-Istati Membri kkonċernati kollha jaqblu dwar tali estensjoni.***

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Fil-każ ta' aċċettazzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-awtorità tat-taxxa tal-ġuriżdizzjoni rilevanti l-oħra r-rikonoxximent tal-aġġustament korrelattiv.	(d) Fil-każ ta' aċċettazzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ***minnufih*** lill-awtorità tat-taxxa tal-ġuriżdizzjoni rilevanti l-oħra r-rikonoxximent tal-aġġustament korrelattiv.

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Għall-fini tal-paragrafi 1, 2 u 3, l-Istati Membri għandhom jużaw il-proċeduri u l-arranġamenti kollha pprovduti mid-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (DAC).

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-aġġustament 'l isfel ma jwassalx għan-nontassazzjoni doppja, li jfisser li l-aġġustament 'l isfel ikun inkluż fil-profitti taxxabbli tal-intrapriża assoċjata fil-ġuriżdizzjoni l-oħra;

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-ebda waħda mid-differenzi (jekk ikun hemm) bejn it-tranżazzjonijiet li jkunu qed jitqabblu jew bejn l-intrapriżi li jkunu qed iwettqu dawk it-tranżazzjonijiet ma tista' taffettwa materjalment il-prezz fis-suq miftuħ;	(a) l-ebda waħda mid-differenzi (jekk ikun hemm) bejn it-tranżazzjonijiet li jkunu qed jitqabblu jew bejn l-intrapriżi li jkunu qed iwettqu dawk it-tranżazzjonijiet ma tista' taffettwa materjalment il-prezz ***jew il-marġni*** fis-suq miftuħ;

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-Kunsill jista' jistabbilixxi*** regoli ulterjuri, konsistenti ***mal-Linji*** Gwida ***tal-OECD*** dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti, dwar kif il-prinċipju ta' distakkament u d-dispożizzjonijiet l-oħra stabbiliti fil-Kapitolu II ta' din id-Direttiva għandhom jiġu applikati fi tranżazzjonijiet speċifiċi biex tiġi żgurata aktar ċertezza tat-taxxa u jiġi mmitigat ir-riskju ***ta' tassazzjoni*** doppja. ***Dawk it-tranżazzjonijiet jew negozjati speċifiċi huma dawn li ġejjin:***	2. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 18 biex tistabbilixxi*** regoli ulterjuri, konsistenti ***mal-aħħar Linji*** Gwida dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti ***rrakkomandati fil-livell internazzjonali maħruġa mill-OECD jew min-Nazzjonijiet Uniti***, dwar kif il-prinċipju ta' distakkament u d-dispożizzjonijiet l-oħra stabbiliti fil-Kapitolu II ta' din id-Direttiva għandhom jiġu applikati fi tranżazzjonijiet speċifiċi biex tiġi żgurata aktar ċertezza tat-taxxa u jiġi mmitigat ir-riskju ***tan-nontassazzjoni*** doppja ***u tat-tassazzjoni doppja u jitnaqqsu t-tilwim dwar it-taxxa u l-abbuż tat-taxxa***.
(a) it-trasferiment ta' assi intanġibbli jew ta' drittijiet f'assi intanġibbli bejn intrapriżi assoċjati, inklużi assi intanġibbli li diffiċli jiġu vvalutati;	
(b) il-forniment ta' servizzi bejn intrapriżi assoċjati, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' distribuzzjoni;	

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-arranġamenti ta' kontribuzzjoni għall-kostijiet bejn l-intrapriżi assoċjati;	
(d) it-tranżazzjonijiet bejn intrapriżi assoċjati fil-kuntest tar-ristrutturar tan-negozju;	
(e) it-tranżazzjonijiet finanzjarji;	
(f) in-negozjati bejn l-uffiċċju prinċipali u l-istabbilimenti permanenti tiegħu.	

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati skont l-Artikolu 18 biex tistabbilixxi regoli ulterjuri, bħall-introduzzjoni ta' portijiet sikuri, biex tissimplifika l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament fl-Unjoni, biex tiżgura aktar ċertezza tat-taxxa u timmitiga r-riskju tan-nontassazzjoni doppja u tat-tassazzjoni doppja, u biex tnaqqas it-tilwim dwar it-taxxa u l-abbuż tat-taxxa.

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-Kummissjoni tista' tadotta att delegat skont l-Artikolu 18, li jistabbilixxi regoli għall-integrazzjoni f'din id-Direttiva tal-approċċ simplifikat propost għall-konformità tal-ipprezzar ta' trasferiment għall-attivitajiet ta' distribuzzjoni u manifattura kif imsemmi fid-Direttiva tal-Kunsill XX/XX/UE dwar in-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT).

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 14b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jittieħdu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill ibbażati fuq proposta mill-Kummissjoni.	***imħassar***

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Twaqqif mill-Ġdid tal-Forum Konġunt tal-UE dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment
	1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tippresjedi l-Forum Ewropew dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment (EFTP). L-EFTP għandu jipprovdi pariri u assistenza lill-kumitat fis-sens tal-Artikolu 17, b'mod partikolari biex jivvaluta l-ħtieġa ta' kwalunkwe aġġustament għal din id-Direttiva bil-għan li jiggarantixxi l-uniformità kontinwa tal-metodoloġiji tal-ipprezzar ta' trasferiment fl-Unjoni u fix-xena globali u, l-aktar importanti, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi fil-livell tal-OECD jew tan-NU.
	2. L-EFTP għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u rappreżentanza bbilanċjata tal-kontribwenti, tal-akkademiċi u tas-soċjetà ċivili. Il-Parlament Ewropew għandu jkun membru tal-EFTP bħala osservatur. Il-kundizzjonijiet għas-sħubija għandhom jiġu deċiżi mill-kumitat kif imsemmi fl-Artikolu 17.

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 14b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14b
	Twessigħ tal-inizjattiva tal-Approċċ Ewropew ta' Fiduċja u Kooperazzjoni (ETACA)
	1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Approċċ Ewropew ta' Fiduċja u Kooperazzjoni (ETACA) għandu jinkludi r-reżamijiet tal-ipprezzar ta' trasferiment ta' flussi intra-Unjoni speċifiċi mill-Istati Membri li jipparteċipaw, u mhux biss it-tranżazzjonijiet ta' valur miżjud baxx, kif inhu l-każ bħalissa.
	2. L-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu rabta bejn l-ETACA u l-APAs sabiex jiġi żgurat li l-ETACA jservi bħala mezz rapidu biex jinstabu soluzzjonijiet stabbli meta jfeġġu problemi matul il-proċess ta' reżami.

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha teżamina u tevalwa l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva ***kull 5 snin*** u tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-ewwel rapport għandu jiġi preżentat sal-31 ta' Diċembru ***2031***.	1. ***Kull tliet snin,*** il-Kummissjoni għandha teżamina u tevalwa l-applikazzjoni***, l-impatt u l-interazzjoni*** ta' din id-Direttiva ***mal-aktar linji gwida reċenti tal-OECD jew tan-NU*** u tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***, li jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, bi proposta leġiżlattiva***. L-ewwel rapport għandu jiġi preżentat sal-31 ta' Diċembru ***2029***. ***Il-Kummissjoni tista' tiddevja minn dawk il-kalendarji meta jiġu miftiehma linji gwida ġodda dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment fil-livell tal-OECD jew tan-NU.***

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni ta' din id-Direttiva bil-għan li tittejjeb l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament, li ***titnaqqas it-tassazzjoni*** doppja kif ukoll li ***jiġi miġġieled*** l-abbuż tat-taxxa, f'konformità mal-paragrafu 3.	2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni ta' din id-Direttiva bil-għan li tittejjeb l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament, li ***jitnaqqsu n-nontassazzjoni doppja u t-tassazzjoni*** doppja kif ukoll li ***jiġu miġġielda*** l-abbuż tat-taxxa ***u t-tilwim dwar it-taxxa***, f'konformità mal-paragrafu 3.

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni minn Stat Membru skont l-Artikolu 2, kif ukoll kwalunkwe rapport jew dokument prodotti mill-Kummissjoni li jużaw tali informazzjoni, jistgħu jiġu trażmessi lil Stati Membri oħra. L-informazzjoni għandha tkun koperta mill-obbligu ta' segretezza uffiċjali u għandha tgawdi l-protezzjoni estiża għal informazzjoni simili skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li jkun irċevieha.	5. L-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni minn Stat Membru skont l-Artikolu 2, kif ukoll kwalunkwe rapport jew dokument prodotti mill-Kummissjoni li jużaw tali informazzjoni, jistgħu jiġu trażmessi lil Stati Membri oħra ***u lill-Parlament Ewropew***. L-informazzjoni għandha tkun koperta mill-obbligu ta' segretezza uffiċjali u għandha tgawdi l-protezzjoni estiża għal informazzjoni simili skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li jkun irċevieha.

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-informazzjoni, inkluża d-data personali, ipproċessata f'konformità ma' din id-Direttiva, għandha tinżamm biss sakemm ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-finijiet ta' din id-Direttiva, f'konformità mad-dritt nazzjonali ta' kull kontrollur taddata dwar l-istatut ta' limitazzjonijiet, iżda fi kwalunkwe każ għal mhux aktar minn 10 snin.	2. L-informazzjoni, inkluża d-data personali, ipproċessata f'konformità ma' din id-Direttiva, għandha tinżamm biss sakemm ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-finijiet ta' din id-Direttiva, f'konformità mad-dritt nazzjonali ta' kull kontrollur taddata dwar l-istatut ta' limitazzjonijiet, iżda fi kwalunkwe każ għal mhux aktar minn 10 snin ***mill-mument meta d-data personali tiġi pproċessata għall-finijiet ta' din id-Direttiva***.

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tingħata ***s-setgħa*** ta' adozzjoni tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 13 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	1. ***Is-setgħa*** ta' adozzjoni tal-att delegat imsemmi ***fl-Artikolu 3, it-tieni paragrafu,*** fl-Artikolu 13 ***u fl-Artikolu 14(2), (2a) u (2b) għandha tingħata lill-Kummissjoni*** soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-delega ***tas-setgħa*** msemmija fl-Artikolu 13 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ***ħin*** mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ***tas-setgħa*** speċifikata f'dik id-deċiżjoni. ***Din*** għandha ssir effettiva ***l-għada tal-pubblikazzjoni*** tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma ***għandhiex*** taffettwa l-validità ***tal-att*** delegat ***jekk ikun*** diġà fis-seħħ.	2. Id-delegazzjoni ***ta' setgħa*** msemmija ***fl-Artikolu 3, it-tieni paragrafu,*** fl-Artikolu 13 ***u fl-Artikolu 14(2), (2a) u (2b)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ***mument*** mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ***ta' setgħa*** speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva ***fil-jum wara l-pubblikazzjoni*** tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma ***għandha*** taffettwa l-validità ***tal-ebda att*** delegat ***li jkun*** diġà fis-seħħ.

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***mal-esperti magħżula ta'*** kull Stat Membru ***f'konformità mal-prinċipji stabbiliti*** fil-Ftehim Interistituzzjonali ***dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet*** tat-13 ta' April 2016.	3. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***esperti nnominati minn*** kull Stat Membru ***skont il-prinċipji stipulati*** fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 ***dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet***. ***Il-Forum Ewropew dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment imsemmi fl-Artikolu 14a għandu jservi bħala l-korp espert rilevanti.***

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Parlament Ewropew jista' jattendi bħala osservatur fin-negozjati internazzjonali dwar il-Linji Gwida tal-Ipprezzar ta' Trasferiment f'fora internazzjonali rilevanti.

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 19a ***Rieżami*** ***Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-gruppi MNE li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar in-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni fuq l-Introjtu (BEFIT), ladarba din id-Direttiva tidħol fis-seħħ.***

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 19b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 19b ***Emendi għad-Direttiva 2011/16/UE*** ***Fid-Direttiva 2011/16/UE, il-punt (i) tal-Artikolu 8a(6) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** ***"(i) l-identifikazzjoni tal-metodu użat għad-determinazzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment jew metodi u tekniki oħra ta' valwazzjoni biex jistmaw il-prezz ta' distakkament kif definit fl-Artikolu 9 taċd-Direttiva [2024/XX/XX dwar l-ipprezzar ta' trasferiment], u r-raġunament għall-applikazzjoni ta' tali metodu, jew il-prezz tat-trasferiment innifsu fil-każ ta' arranġament preliminari ta' prezzijiet ta' trasferiment";***

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa mhux aktar tard minn [il-31 ta' Diċembru 2025], l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.	L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw***, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024***, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom japplikaw ***dawk*** id-dispożizzjonijiet mill-[1 ta' Jannar ***2026***].	Huma għandhom japplikaw ***dawn*** id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar ***2025***.